PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2181(INI)

21.11.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea u esperjenzi simili f'pajjiżi terzi
(2008/2181(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeanine Hennis-Plasschaert

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea u esperjenzi simili f'pajjiżi terzi
(2008/2181(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2008 intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea' (COM(2008)0069),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2008 intitolata 'Rapport dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX' (COM(2008)0067),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2008 intitolata 'eżaminazzjoni dwar il-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (EUROSUR)' (COM(2008)0068),

– wara li kkunsidra l-kummenti preliminari tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta tat-3 ta' Marzu 2008 u l-kummenti konġunti tal-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 u tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja tad-29 ta' April 2008 dwar it-tliet komunikazzjonijiet imsemmija hawn fuq,

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[3] kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[4],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2005 dwar

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[2] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.
[3] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
[4] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

effettività aħjar, interoperabilità u sinerġiji mtejba fost id-databases Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern (COM(2005)0597),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' .. dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

A. billi t-tneħħija tal-kontrolli interni tal-fruntieri fl-UE hija waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea,

B. billi zona bla fruntieri interni ma tistax tiffunzjona mingħajr responsabilità u solidarjetà komuni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha,

C. billi fil-qafas tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-UE, diversi strumenti u programmi diġà ġew stabbiliti, qed jitħejjew jew waslu fl-istadju tal-iżvilupp tal-politika,

D. billi l-Kummissjoni ddikjarat li biħsiebha tkun lesta fl-2009-2010 biex tippreżenta proposti leġiżlattivi biex jiddaħħlu Sistema ta' Dħul/Ħruġ, Programm ta' Reġistrazzjoni tal-Vjaġġaturi (RTP) u Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni tal-Ivjaġġar (ESTA),

E. billi jeżistu sistemi simili fl-Awstralja u qed jiġu implimentati mill-Istati Uniti bħala parti mill-programm US-VISIT,

F. billi hemm nuqqas ta' pjan ewlieni komprensiv li jistabbilixi l-istruttura globali tal-istrateġija ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE kif ukoll ta' evalwazzjoni bir-reqqa tas-sistemi eżistenti u ta' dawk li qed jitħejjew,

Sistema ta' Dħul/Ħruġ

1. Huwa konxju mill-fatt li l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess (overstayers), li huma l-qofol tas-sistema proposta ta' dħul/ħruġ, suppost jirrappreżentaw l-akbar kategorija ta' immigranti illegali fl-UE; jitlob, madankollu, aktar informazzjoni dwar id-dejta miġbura minn kuntrattur estern li tipprova li 'kien hemm sa 8 miljun immigrant illegali fl-UE fl-2006'[2]; jinsisti wkoll dwar il-ħtieġa ta' definizzjoni ċara tal-frażi 'persuna li tibqa' f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess', kif ukoll tal-eżenzjonijiet li jistgħu jsiru f'każijiet speċifiċi;

2. Jiġbed l-attenzjoni li, minkejja li s-sistema proposta u l-informazzjoni ta' twissija jistgħu jgħinu biex jiskuraġġixxu lil ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) milli jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, kif ukoll biex jipprovdu dejta u informazzjoni dwar kif dan iseħħ, kuntatt ulterjuri mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jibqa' meħtieġ sabiex jinqabdu l-persuni li jibqgħu f'pajjiż wara li jiskadilhom il-permess, u għalhekk ma jaħsibx li s-sistema proposta se twaqqaf daqstant dan il-fenomenu;

[1] Testi adottati, P6_TA(2008)0000.
[2] SEC(2008) 0153.

3. M'għandux biżżejjed informazzjoni dwar kif din is-sistema se tkun integrata fil-qafas eżistenti u kif se taħdem magħha, dwar il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fis-sistemi eżistenti u dwar l-ispejjeż reali li se tiġġenera; għalhekk huwa tal-fehma li n-neċessità assoluta tal-implimentazjzoni ta' sistema bħal din tibqa' dubjuża;

4. Jinnota, bla dubju u wara t-tagħlimiet mill-Istati Uniti, li hija sfida akbar li jiġu stabbiliti infrastrutturi ta' ħruġ milli ta' dħul, u b'mod partikulari fir-rigward tal-ħruġ bil-baħar u fuq l-art; barra minn hekk, wara dawn it-tagħlimiet, għandu preokkupazzjonijiet konsiderevoli dwar l-effiċjenza f'sens ta' nfiq ta' sistema bħal din;

Programm ta' Reġistrazzjoni tal-Vjaġġaturi (RTP)

5. Bħala prinċipju jappoġġja l-kunċett ta' RTP għat-TCNs, kemm jekk ikunu suġġetti għall-obbligu ta' viża kif ukoll jekk ma jkunux, kif ukoll l-użu eventwali ta' barrieri awtomatiċi miċ-ċittadini tal-UE, peress li l-liġi Komunitarja kif inhi bħalissa ma tippermettix is-simplifikazzjoni tal-kontrolli tal-fruntieri ħlief fil-każ ta' TCNs li joqogħdu f'zoni ħdejn il-fruntieri;

6. Jikkritika, madankollu, it-terminoloġija użata fil-Komunikazjzoni intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea (vjaġġaturi 'ta' riskju żgħir'/'bona fide'), billi timplika li għadd enormi ta' vjaġġaturi huma meqjusa a priori bħala 'ta' riskju kbir' jew 'mala fide';

7. Jiġbed l-attenzjoni li diversi Stati Membri diġà waqqfu jew qed iħejju biex iwaqqfu programm RTP, u jenfasizza r-riskju li nsibu ruħna b'mużajk ta' sebgħa u għoxrin sistema bbażata fuq kriterji differenti, fosthom dawk dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-ħlasijiet; huwa konxju mill-fatt li l-Olanda, kif ukoll il-Ġermanja, ir-Renju Unit u FRONTEX, qed jippruvaw jippromwovu l-ptogramm 'International Expedited Traveller' bħala mudell possibbli għall-Istati Membri l-oħra;

8. Huwa favur approċċ armonizzat u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef il-proċess, fuq il-bażi tal-aqwa prattiki fl-Istati Membri u sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jibqgħu jaġixxu b'konformità mal-liġi Komunitarja;

Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA)

9. Jirrikonoxxi li ma jkunx għaqli, fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà, li wieħed jiffoka l-attenzjoni biss fuq TCNs li jivvjaġġaw lejn l-UE minn pajjiżi b'obbligu ta' viża; jistaqsi, madankollu, jekk is-sistema proposta hijiex assolutament meħtieġa u jixtieq spjegazzjoni bir-reqqa tar-raġuni fundamentali għaliha; huwa konvint li koperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi ta' intelliġenza b'mod partikulari hija l-mod tajjeb kif għandna nimxu, aktar milli ġabra massiva ta' dejta inġenerali;

10. Jixtieq li jkun infurmat dwar il-kalendarju eżatt u d-dettalji eżatti tal-istudju previst mill-Kummissjoni;

Preokkupazzjonijiet dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u l-Bijometrika

11. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni naqset milli tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew

għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) u lill-Grupp ta' Ħidma Artikolu 29 qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni intitolata 'It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea'; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkonsultahom fir-rigward ta' kull azzjoni f'dik il-Komunikazzjoni, peress li l-elementi bażiċi proposti jinvolvu l-ipproċessar ta' ammonti kbar ta' dejta personali;

12. Huwa konxju mill-fatt li l-bijometrika teoretikament tikkonsisti f'identifikaturi personali effettivi għaliex il-karatteristiċi mkejla huma meqjusa li jiddistingwu lil kull persuna; madankollu, jisħaq fuq il-fatt li l-affidabilità tal-bijometrika qatt mhija assoluta u/jew mhijiex dejjem eżatta; għalhekk jiġbed l-attenzjoni li għandu jkun hemm proċeduri alternattivi f'kull żmien;

13. Jinsisti fuq protokoll standard għall-użu u l-iskambju ta' informazjzoni bijometrika kif ukoll ta' ftehimiet dwar il-kontroll tal-interface li jiddeskrivu kif se jintuża l-protokoll; barra minn hekk, huwa tal-fehma li l-użu tal-bijometrika għandu jkun suġġett għal standard ta' kwalità sabiex ikunu evitati d-diverġenzi fl-aċċettazzjoni ta' sistemi differenti użati mill-Istati Membri;

14. Iqis li approċċ ibbażat fuq it-teknoloġija "privacy by design" (il-privatezza mħarsa fl-istruttura nnifsha) huwa karatteristika ewlenija ta' kull żvilupp li jista' jipperikola l-informazzjoni personali ta' individwi u l-fiduċja tal-pubbliku f'min ikollu informazzjoni dwarhom;

Konklużjonijiet

15. Iqis li l-objettiv tal-ġestjoni verament integrata tal-fruntieri tal-UE huwa leġittimu u jaqbel li huwa importanti li tkun żviluppata u msaħħa kontinwament politika komuni tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri;

16. Huwa tal-fehma, madankollu, li fil-qafas tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-immigrazzjoni, proposti fuq skala kbira qed jiżdiedu b'rata tal-iskantament;

17. Jikkritika n-nuqqas ta' pjan ewlieni komprensiv li jistabbilixxi l-objettivi globali u l-istruttura tal-istrateġija tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE kif ukoll id-dettalji ta' kif il-programmi u l-iskemi kollha marbuta (li diġà qegħdin fis-seħħ, li qed jitħejjew jew li waslu fl-istadju tal-iżvilupp ta' politika) għandhom jaħdmu flimkien u kif jistgħu jittejbu r-rabtiet bejniethom;

18. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' evalwazzjoni tas-sistemi eżistenti u, qabel kollox, ta' dawk li qed jitħejjew, u jenfasizza li l-abilità tal-UE li tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha tiddependi ħafna mis-suċċessi tagħha fil-ġestjoni tal-interdipendenzi fost programmi relatati, peress li d-duplikazzjoni u l-inkonsistenza fosthom ikollhom impatt negattiv fuq ir-rendiment organizzattiv u fuq ir-riżultati bħala konsegwenza;

19. Huwa tal-fehma li, qabel ma jsir investiment, huwa importanti ħafna li jkun hemm kuntest operattiv imfassal għall-konformità tal-miżuri u l-inizjattivi ġodda kollha; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni li għandu jkun ċar ħafna liema modifiki huma meħtieġa sabiex ikun żgurat li t-teknoloġija u l-proċessi jaħdmu flimkien, u jenfasizza li l-investimenti kollha għandhom ikunu ġustifikati ekonomikament;

20. Jirrikonoxxi li l-bilanċ li għandu jinstab bejn l-iżgurar tal-moviment ħieles ta' għadd dejjem jiżdied ta' persuni bejn il-fruntieri u l-iżgurar ta' sigurtà akbar għaċ-ċittadini tal-Ewropa huwa eżerċizzju kumpless, u ma jiċħadx li l-użu ta' dejta joffri vantaġġi ċari; fl-istess ħin, huwa tal-fehma li l-fiduċja tal-pubbliku fl-operat tal-gvern tista' tinżamm biss jekk ikunu stabbiliti salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta, sorveljanza u mekkaniżmi ta' kumpens;

o

o o

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX).

NOTA SPJEGATTIVA

Kuntest

It-twaqqif taz-zona ta' Schengen wassal għal riflessjoni ġdida dwar il-kunċett ta' 'ġestjoni integrata tal-fruntieri' ppreżentat mill-Kunsill Ewropew ta' Laeken ta' Diċembru 2001 u li reġa' tqajjem f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-2002[1] kif ukoll fil-Programm tal-Aja fil-forma tas-'sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni'. Fil-Komunikazjzoni tal-2002 tqiegħed enfasi fuq ħames komponenti interdipendenti bħala l-bażi ta' politika komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni: (1) korp komuni ta' leġiżlazzjoni, (2) mekkaniżmu komuni ta' koordinazzjoni u ta' koperazzjoni operattiva, (3) analiżi komuni u integrata tar-riskju, (4) staff imħarreġ fid-dimensjoni Ewropea u tagħmir interoperattiv, (5) qsim tal-piż bejn l-Istati Membri sakem jitwaqqaf korp Ewropew ta' Għassiesa tal-Fruntieri.

Il-Kummissjoni, meta jitqies il-fatt li l-'aġenda stabbilita fl-2002 issa ġiet ikkompletata'[2] (minkejja l-fatt li diversi inizjattivi u/jew sistemi leġiżlattivi għad iridu jiġu adottati u/jew implimentati[3]) u li 'jistgħu jitqiesu passi oħra sabiex tinkiseb ġestjoni tal-fruntieri verament integrata bil-għan li jiġu ssodisfati ż-żewġ objettivi li tittejjeb is-sigurtà u li jitħaffef l-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi', ħarġet Komunikazzjoni b'dan il-għan fi Frar 2008. It-tliet għodod li japplikaw fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) li jkunu qed jivvjaġġaw lejn Stat Membru li jkun qed jipparteċipa fil-koperazzjoni ta' Schengen jew lejn pajjiż assoċjat ma' din il-koperazzjoni huma deskritti f'din il-Komunikazzjoni: (1) l-introduzzjoni tar-reġistrazzjoni tad-dħul/tal-ħruġ, (2) il-faċilitazzjoni tal-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi bona fide u (3) Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA). Il-Kummissjoni bihsiebha li fl-2009-2010 tkun lesta biex tippreżenta l-proposti leġiżlattivi sabiex il-miżuri l-ġodda jidħlu fis-seħħ bejn l-2012 u l-2015.

Ir-Rapporteur tqis li l-Parlament Ewropew għandu jagħti l-fehmiet tiegħu dwar dan is-sett ġdid ta' miżuri previsti mill-Kummissjoni, anke jekk għadhom fl-istadju tal-iżvilupp tal-politika, peress li x'aktarx li jwasslu għal bidliet sostanzjali fil-mod kif tinftiehem il-ġestjoni tal-fruntieri u jista' jkollhom impatt enormi fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta.

Ir-rapport huwa msejjes fuq il-Laqgħa ta' Diskussjoni tat-30 ta' Ġunju 2008 'Parlament Ewropew-Parlamenti Nazzjonali: Libertà u Sigurtà fil-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-UE', il-laqgħat tal-Kumitat LIBE dwar dan is-suġġett kif ukoll fuq il-kuntatti ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni, mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, ma' rappreżentanti tal-Istati Membri u mad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti.

Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

---

[1] COM(2002)0233. Lejn Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE.

[2] Qafas legali konsolidat, regoli ssimplifikati għat-traffiku lokali fil-fruntieri (Ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006), twaqqif tal-Aġenzija FRONTEX li tkopri d-dimensjoni operattiva, il-ħolqien tal-Fond għall-Fruntieri Esterni li jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri b'responsabilità għal meded twal u diffiċli tal-fruntieri esterni u biex jgħin lill-Istati Membri meta jħabbtu wiċċhom ma' żieda għal għarrieda u mhux prevista ta' immigranti.

[3] Eż.: Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, VIS, SIS II.

Infasslu l-futur filwaqt li nosservaw il-preżent b'attenzjoni

Mill-bidu nett ir-Rapporteur trid tiġbed l-attenzjoni dwar element ewlieni sabiex ikunu evalwati l-miżuri l-ġodda li ġew proposti: fl-elwazzjoni tal-impatt tagħha l-Kummissjoni, wara li eżaminat diversi għażliet ta' politiki (inkluż l-istatus quo), stabbiliet l-għażla li tippreferi. Din hija kombinazjzoni ta' sistema ta' dħul/ħruġ għat-TCNs kollha, Programm ta' Reġistrazzjoni tal-Vjaġġaturi (RTP) miftuħ għat-TCNs u qafas għall-iżvilupp fuq livell lokali ta' skemi ta' Reġistrazzjoni tal-Vjaġġaturi u ta' proċedura ta' Kontroll Awtomatizzat fil-Fruntieri.

Meta tirreferi għall-iskorbord komparattiv, l-evalwazzjoni tal-impatt tenfasizza li 's-sitwazzjoni ta' linja bażi li b'kuntrast magħha ssir ir-ratazzjoni *tassumi l-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-istatus quo*'[1].

Dan l-aspett għandu jkun enfasizzat billi bħalissa fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri diversi strumenti għad mhumiex operattivi u għalhekk ma jistgħux isiru kummenti dwar ir-rendiment tagħhom.

Ir-Rapporteur tqis ukoll li evalwazzjoni ċara tal-miżuri eżistenti hija assolutament meħtieġa qabel ma jsiru xi proposti ġodda f'dan il-qasam.

Il-miżuri speċifiċi, l-eżempji barranin u kif għandna nimxu

Billi diġà saru kumenti speċifiċi fid-dokumenti ta' ħidma tar-Rapporteur, ir-Rapporteur tixtieq li (a) fil-qosor, tagħti l-fehmiet tagħha dwar il-miżuri proposti, (b) tfakkar l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra f'dan il-qasam u (c) tiġbed l-attenzjoni dwar uħud mill-azzjonijiet li għandhom jitħeġġew f'dan il-qasam.

Dħul/Ħruġ, RTP, ESTA u żviluppi fil-bqija tad-dinja

Minn perspettiva globali, ir-Rapporteur tqis li l-iżvilupp ta' mudell Ewropew ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-UE għandu jintlaqa' b'sodisfazzjon. Madankollu, ir-ritmu li bih tressqu miżuri speċifiċi (li jikkontribwixxu għas-sorveljanza tal-movimenti tal-vjaġġaturi) żdied b'mod kostanti. Fin-nuqqas ta' pjan ewlieni komprensiv, li jispjega l-objettivi, ir-rendimenti u s-sinerġiji li huma mistennija mill-programmi u s-sistemi li qegħdin fis-seħħ bħalissa jew li se jiġu adottati/proposti, diffiċli li tiġi evalwata b'mod korrett il-ħtieġa assoluta ta' sistemi ġodda, speċjalment sistema bħas-sistema ta' dħul/ħruġ li ġiet proposta. Barra minn hekk, trid tingħata definizzjoni ċara tal-kunċett ta' 'persuna li tibqa' f'pajjiż wara li jiskadilha l-permess' kif ukoll dejta affidabbli li tappoġġja sistema bħal din.

Fir-rigward tal-RTP, ir-Rapporteur bħala prinċipju tappoġġja l-kunċett, iżda tiġbed l-attenzjoni dwar it-terminoloġija użata fil-Komunikazzjoni u dwar il-ħtieġa li jingħataw raġunijiet u kriterji preċiżi għar-reġistrazzjoni/revoka (inklużi possibilitajiet ta' appell). Fl-aħħar nett, hija favur approċċ armonizzat.

[1] SEC (2008)0153, p. 45-46.

Fir-rigward tal-aħħar miżura inkluża fil-pakkett dwar il-fruntieri ta' Frar 2008, l-ESTA, ir-Rapporteur tqis li huwa kmieni wisq biex isiru kummenti dwar l-utilità jew il-valur miżjud tagħha. Tistenna b'ħerqa l-istudju politiku, u mbagħad l-istudju tekniku tal-Kummissjoni li janalizza l-fattibilità, l-implikazzjonijiet prattiċi u l-impatt ta' sistema bħal din. Imbagħad biss ikun possibbli li wieħed jelabora aktar dwar din il-miżura.

Ir-Rapporteur tal-fehma li fil-kuntest ta' dawn il-miżuri riflessjoni bir-reqqa dwar l-impatt fuq id-drittijiet ta' privatezza tal-individwi trid issir fl-istess ħin tal-konsultazzjonijiet tekniċi li jesploraw ukoll teknoloġiji anqas invażivi li jistgħu jimminimizzaw l-ipproċċessar tad-dejta personali. Għandu jitfakkar ukoll li d-dipendenza estensiva mill-bijometrika minħabba dawn il-miżuri l-ġodda għandha tkun osservata b'attenzjoni.

Meta nħarsu lejn l-eżempji barranin li adottaw miżuri simili għal dawk imressqa fil-Komunikazzjoni, speċjalment il-Programm US-VISIT (United States Visitor and Immigrant Status Indicator Technology), l-approċċ adottat irid ikun kawt. L-objettiv tal-programm US-VISIT huwa li jtejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini u l-viżitaturi tal-Istati Uniti, li jiffaċilita l-ivvjaġġar u l-kummerċ leġittimi, li jiżgura l-integrità tas-sistema ta' immigrazzjoni tal-IstatiUniti, u li jħaraes il-privatezza tal-viżitaturi. Wara esperjenza teoretika u prattika f'Washington DC, ir-Rapporteur tasal għall-konklużjoni li programm bħal US-VISIT jista' fil-fatt jaħdem mil-lat tekniku u li l-programm innifsu mhuwiex ostaklu għall-moviment bla xkiel tal-vjaġġaturi. Madankollu, għandu jitfakkar ukoll li l-Uffiċċju għar-Resposabilità Governattiva tal-Istati Uniti (GAO)[1] iqajjem diversi dubji fir-rigward tal-effiċjenza f'sens ta' nfiq tas-sistema[2].

It-triq 'il quddiem

Kif imsemmi preċedentement ir-Rapporteur tqis li l-ewwel pass meħtieġ huwa li jiġu evalwati b'mod kritiku u bir-reqqa t-tħaddim u l-effikaċja tas-sistemi eżistenti u tal-interazzjonijiet rispettivi tagħhom sabiex tiġi diskussa aktar il-ħtieġa ta' miżuri ġodda.

Fl-istess ħin il-qafas globali għall-miżuri eżistenti u l-inizjattivi proposti kollha għandu jitfassal b'mod ċar flimkien mal-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u s-salvagwardji meħtieġa li għandhom jiġu pprovduti mill-aktar fis possibbli fil-proċess.

Tieħu nota tal-kwestjonarju li ntbagħat mill-Presidenza lid-delegazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein, lin-Norveġja u lill-Iżvizzera dwar is-sistema proposta ta' dħul/ħruġ, kif ukoll tat-tweġibiet tagħhom.

Ir-Rapporteur tal-fehma li għandha ssir diskussjoni aktar profonda dwar it-tliet miżuri kollha mal-partijiet rilevanti, u tenfasizza l-ħtieġa ta' dibattiti pubbliċi f'livell Ewropew u nazzjonali.

[1] GAO, Xhieda quddiem is-Sottokumitat għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu Globali, Marittimu u fil-Fruntieri, Kumitat għas-Sigurtà Interna, l-Kamra tar-Rappreżentanti, Ġunju 28 2007, "Prospects For Biometric US-VISIT Exit Capability Remain Unclear", GAO-07-1044T.

[2] Il-kwistjoni tal-effiċjenza f'sens ta' nfiq ta' sistemi bħal dawn tqajmet fil-Kummenti Preliminari tal-EDPS f'COM(2008)69 finali, 3 ta' Marzu 2008, p.4, ara wkoll (n 1).